MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-29 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 97/2006

Santino **CASSAR**

vs

Silvia **CALLEJA**, mart il-mejjet Tarċisio Calleja personalment kif ukoll bħala tutriċi tal-minuri Diane Calleja, bint l-imsemmi Tarċisio Calleja u Silvia Calleja, it-tnejn bħala werrieta tal-mejjet Tarċisio Calleja

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-7 ta’ Frar, 2006 li bih l-attur, għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li (1) din il-Qorti tikkundanna lill-imħarrkin biex, fiż-żmien qasir u perentorju li jogħġobha tiffissa l-Qorti, jersqu għall-pubblikazzjoni tal-att nutarili dwar ix-xiri u l-bejgħ tal-arja li tiġi fuq l-appartament internament markat bin-numru tnejn (2) li jagħmel mill-korp ta’ ġid li jġib l-isem ta’ *‘Fatima Flats’*, bla numru, fi Triq San Lwiġi, l-Imsida (liema arja tinsab fit-tieni

sular), fil-kundizzjoni li tinsab fiha u taħt il-patti u l-kundizzjonijiet miftehma bejn il-partijiet fuq att ta' konvenju tal-għoxrin ta' April, elfejn u ħamsa (2005), kopja tiegħu mehmuża mal-istess Rikors Maħluf; u (2) taħtar nutar pubbliku biex jippubblika l-imsemmi kuntratt fil-jum, ħin u post li l-Qorti jogħġobha tiffissa u kif ukoll taħtar kuraturi biex jidhru għal dawk li jonqsu li jersqu għall-kuntratt. Talab ukoll l-ispejjeż;

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tal-lum mill-konvenuti li biha ammettew it-talbiet dedotti fir-Rikors Maħluf, liema dikjarazzjoni tinsab reġistrata fil-verbal tas-smigħ tal-lum stess;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talbiet dedotti fir-Rikors Maħluf jirriżultaw pruvati;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tal-attur kif dedotta fir-Rikors Maħluf bl-ispejjeż kontra l-konvenuti solidalment bejniethom u: **Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrkin jersqu għall-pubblikazzjoni tal-att pubbliku relattiv għall-bejgħ tal-ġid fuq imsemmija u skond il-patti u l-kundizzjonijiet miftehmin fl-att ta' konvenju tal-għoxrin (20) ta' April, elfejn u ħamsa (2005), li għandu jsir f'dak il-jum, ħin u post li l-Qorti tiffissa fuq talba li ssirilha għal dan il-għan min-nutar pubbliku hawn taħt imsemmi;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u taħtar lin-Nutar Dottor Mark Żammit biex jippubblika l-att nutarili relattiv u lill-avukat Jonathan Spiteri bħala kuratur biex jidhru fuq l-imsemmi att f'isem dawk li jonqsu li jersqu għall-kuntratt imsemmi.
**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------